# SAN ĠWANN MINN CAPESTRANO

## (1386 - 1456)

Dis-sena jaħbat il-ħames ċentinarju lill-mewt ta' San Ġwann minn Capestrano, wieħed mill-ifjien ġawhar ta' qdusija li għandu l-Ordni tagħna. Il-Qdusija Tiegħu l-Papa Piju XII fl-Ittra Apostolika, "Quo asperioribus fluctibus" li bagħat lill-Patri Ġeneral ta' l-Ordni tagħna, sejjaħ lill-Qaddis "ħarries qalbieni tat-Twemmin Nisrani ... u għajnuna tal-Papiet". U bil-haqq kollu San Ġwann għadda ħajtu jaħdem għal-ġieħ tal-Knisja Imqaddsa u għal-Qdusija ta' l-ordni tal-Fqajjar t'Assisi.

Twieled minn familja nobbli u ta' żagħżuh inxteħet b'ruħu u ġismu għal l-istudju tal-liġi. Meta laħaq avukat u maġistrat, ismu xtered ma' kullimkien għall-għerf kbir li kien jimlielu moħħu. Laħaq ukoll Gvernatur tal-belt ta' Peruġija, iżda ġara li darba waqt gwerra bejn il-belt tiegħu u Rimini, qabduh priġunier. Tefgħuh f'qiegħ ta' ħabs mudlam, u hemm kellu deħra. Ra quddiemu bniedem liebes iċ-ċoqqa franġiskana u qallu biex jitfa' kollox wara spallejh u jaqdi 'l Alla fl-Istat Reliġjus. Kien San Franġisk li niżel mis-Sema biex idaħħal fl-Ordni tiegħu bniedem li kellu jagħmel ġieħ lill-Knisja u liċ-ċoqqa fqajra.

Daħal patri fil-kunvent ta' Monterpido. Kellu bħala mgħallem tiegħu tat-teoloġija lil San Bernardin minn Siena u bħala wieħed minn sħabu lil San Ġakbu mil-Marki. Imkisser tajjeb fil-qdusija u fil-għerf, il-Qaddis fl-1417 tela' għall-ewwel darba l-Altar Imqaddes. U qalbu żagħżugħa mtliet b'ħeġġa barranija, li qanqlitu biex joħroġ fil-beraħ ixandar il-Kristu mad-dinja ta' żmienu.

Ħadem bla heda biex jeqred mill-Italja l-misħuta setta tal-fratiċelli, kien delegat, flimkien ma' San Lawrenz Ġustinjani, tal-Papa Euġenju IV meta ddefenda l-Ulied Spiritwali tal-Beatu Giovanni Colombini, reliġjużi qalbiena li l-ħżiena riedu jixħtu t-tajn fuq isimhom; kien Nunzju Apostoliku fid-dukat ta' Milan, fis-saltna ta' Sqallija, fi Franza u f'pajjiżi oħra. Dam tmien snin sħaħ imexxi l-Osservanza bħala Kumissarju Apostoliku u bosta drabi bħala Vigarju Ġenerali. Għen ukoll lill-Santa Koleta fir-riforma tas-Sorijiet Klarissi fi Franza. Xandar il-kelma t'Alla mhux biss fl-Italja, iżda ukoll fi Franza, fil-Ġermanja, fl-Awstrija, fl-Ungerija, u fil-Polonja. Mexxa l-Qawwiet insara kontra s-suldati ta' Mawmettu II, li kienu waslu fuq il-belt ta' Belgrad. Il-Qaddis bl-istandard ta' l-Isem imqaddes ta' Ġesù f'idu, ħeġġeġ l-insara sakemm it-Tork waqa' ma l-art mirbuħ. Ir-rebħa ta' Belgrade kienet ir-rebħa tal-knisja kontra l-Qawwiet tal-ħażen, u dakinhar San Ġwann kiteb innu għal dejjem fil-Ġrajja tal-Knisja. Biex ifakkar dir-rebħa, il-Papa Kallistu III daħħal fil-Knisja l-festa tat-Trasfigurazzjoni ta' Sidna Ġesù Kristu, (dik li f'Malta nsibuha bħala l-festa tas-Salvatur).

Meta snin qabel, l-għedewwa riedu jixlu lil San Bernardin b'eretku għax kien qed ixandar id-devozzjoni lejn l-Isem ta' Ġesù, San Ġwann minn Capestrano ddefenda "l-Imgħallem tiegħu" quddiem il-Papa Martinu V u ġemgħa kbira ta' Kardinali, u l-Qaddis kixef il-qerq ta' l-għedewwa u seraq il-qalb ta' kulħadd. Mhux biss, iżda dakinhar saret purċissjoni mat-triqat ewlenin ta' Ruma, bħala tifkira tar-

rebħa. Fiha ħadu sehem San Bernardin u San Ġwann, it-tnejn iżommu f'idhom standard tal-Isem Imqaddes.

San Ġwann minn Capestrano rabat ismu ukoll mal-ġrajja ta' l-Art Imqaddsa. U fuq dan l-aktar li rridu nitkellmu, għax il-Qaddis għamel ġid bla tarf lill-Kustodja. L-Art Imqaddsa tara fih wieħed mill-aktar Ħarriesa tagħha.

Il-Qawmien għall-ħarsien sewwa tar-Regola Franġiskana, fis-seklu XV kien xtered ma' l-Italja kollha u fil-bqija ta' l-Ewropa. Apostli kbar ta' l-Osservanza fl-Ordni kienu il-Qaddisin Bernardin minn Siena, Ġwanni minn Capestrano, Ġakbu mill-Marki u l-B. Albertu minn Sarteano. Kienu l-erba' kolonni li fuqhom kella timbena l-Osservanza. U l-qaddis tagħna ried ukoll li fl-Art ta' Ġesù tidħol xejra ta' ħajja li l-għan tagħha kien wieħed — tħares ir-Regula tal-Fqajjar t'Assisi, sewwa u bla dispensi xejn, l-aktar f'dak li hu FAQAR, li San Franġisk kien qigħed bħala sisien ta' l-Ordni Tiegħu. Għalhekk il-Papa Ewġenju IV bagħat bħala Kustodju ta' l-Art Imqaddsa lill-venezjan P. Ġakbu Delfino, patri ta' ħajja qaddisa, minn ħdan l-Osservanza. Dam erba' snin imexxi l-Art Imqaddsa. Warajh ġe maħtur Fr. Noccolo minn Osimo, iżda dan irrinunzja. Il-Papa Eugenju IV għamel minfloku lil Fr. Gandolfu minn Agrigento. Mal-wasla ta' dan il-Kustodju l-ġdid b e d a l-għawġ. Xi wħud li xejn ma kellhom għal qalbhom il-Qawmien ta' l-Osservanza fl-Ordni ta' San Franġisk, bdew jagħmlulu minn kollox biex ifixkluh. U l-qagħda kienet imwegħra. Il-P. Ġeneral ried jara kif iwarrab it-tfixkil kollu u bagħat għalhekk lil San Ġwann minn Capestrano, bħala delegat bissetgħat kollha.

Għall-kelma tal-P. Ġeneral, il-Qaddis bilġri erħiela lejn l-Art Imqaddsa. Wara jiem ta' tbaħħir wasal Ċipru, fejn qatta xi jumejn u mbagħad erħiela lejn Ġerusalemm. Kienet is-sena 1439. Il-Kustodju laqa' l-Qaddis b'idejh miftuħa. Fih ra l-bniedem ta' l-azzar li għal kelmtu sħiħa kollox jissewwa u jerġa' mill-ġdid għalli jkun. U l-Kustodju ma tqarraqx. Il-Qaddis wera ruħu qalbieni. Neħħa min-nofs lil min kien ħtija tat-tfixkil u ġigħed lil kull patri ta' l-Art Imqaddsa jwiegħed ubbidjenza lill-P. Kustodju. U b'hekk irnexxielu jwaqqaf fuq sisien qawwija l-Osservanza fl-Art ta' Ġesù, u jaraha ukoll f'ħajtu tieħu xejra ġdida, tikber fl-imħabba u fil-ħidma.

Wara li temm ix-xogħol li ħallielu f'idejh il-P. Ġeneral ta' l-Ordni, il-Qaddis żar is-Santwarji kollha tal-Palestina. Minn kull fejn għadda ħalla warajh eżempji ta' tjeba u ta' qdusija. Xandar il-kelma t'Alla lill-Ewropej u wera il-kobor tad-Din nisrani 'l dawk li kienu għadhom fid-dlamijiet u fil-qerq. Lill-patrijiet ħutu, imxerdin fil-kunventi tal-Palestina, ħeġġiġhom biex igħixu r-Regola franġiskana kif xtaqha u riedha Missierna San Franġisk. Fl-Arkivju tal-Kunvent tas-Santissmu Salvatur ta' Ġerusalemm għadha tinżamm bl-akbar għożża daqsxejn ta' ittra mibgħuta mill-Qaddis lill-Kustodju ta' l-Art Imqaddsa, Fr. Gandolfu minn Agrigento, fil-5 ta' Settembru 1443.

Il-Qaddis miet fil-Kunvent ta' Villaco 23 ta' Ottubru 1456. Il-lum Villaco jissejjaħ ILLOK u jagħmel sehem mill-Ungerija. Fis-sena 1690, il-Papa Alessandru VIII għollieh fil-glorja tal-Qaddisin.

Dis-sena, għażiża għall-qalb ta' kull Franġiskan, tidher quddiem għajnejna x-xbieha tal-qalbieni San Ġwann minn Capestrano, f'idejh il-bandiera ta' l-Isem Imqaddes u fuq fommu l-kel-

miet "KRISTU JIRBAĦ" U l-Ordni tal-Patrijiet Minuri jinżel għarkubtejh quddiem Alla u jiżżih-ħajr talli ċ-ċoqqa fqajra ta' Missierna li xedd fuqu l-Qaddis tagħna, għamlet ġieħ lill-Knisja ta' Kristu, Ibnu.

P. MARJAN VELLA, O.F.M.,
*Surmast tan-Novizzi.*

---

# IŻ-ŻWIEĠ GĦAND L-INSARA QOPTIN

Il-Qoptin huma nies li jgħożżu wisq id-Djiena, u għad li ftit huma mgħallmin fiha, għandhom qima kbira għas-Sagrament taż-Żwieġ u jagħmlu għalih tħejjija twila. Iċ-ċerimonji li jsieħbu das-Sagrament twal ħafna, u huma tixbiħ jew *simboli* ta' xi ħaġa oħra. Għandhom ukoll, drawwiet ta' qabel iż-żwieġ; drawwiet qodma u għariba li sa nfissru xi ħaġa minnhom hawn.

Ix-xebba Qoptija, malli tilħaq il-għomor taż-żwieġ, jiġifieri malli tkun ta' xi erbatax-il sena, tibda ftit toħroġ mid-dar, u toħroġ dejjem bi lbies mill-aktar iżżin, u ommha u missierha joqgħodu għajnejhom miftuħa fuqha. Il-missier huwa dak li jfittex għarus għal bintu, u hija ma tindaħalx, u miskina hi jekk tiftaħ fommha għax taqla' xebgħa. Darba għax jiena ħbatt nindaħal f'każ li jġib ħniena, meta tifla ta' għomor żgħir missierha kien sa iżewwiġha lil wieħed xiħ, il-missier ħa għalieh u għadab għalija. Qalli: "Mela jien x'qiegħed nagħmel id-dar? Għal fejn jiena sid? Li rrid jien isir id-dar u m'hux li irid ħadd ieħor." Biex taraw il-fehma ta' dawn in-nies.

Il-missier, qabel kollox, ifittex għarajjes għal uliedu fost il-qraba, l-aktar fost ulied ħutu jew ulied ħut il-mara tiegħu, u għal hekk il-għadd il-kbir tax-xebbiet jiżżewġu lil ulied zijiethom. Jekk imbagħad l-għarus ma ikunx wieħed ulied l-aħwa magħhom, u ikun barrani, aktarx li ikun xi raġel imdaħħal sewwa fl-għomor. Imma x-xebba Qoptija tissabbar bih ukoll, u tkun fidila lejn ir-raġel li missierha jkun ġebilha, għal kemm qabel aktarx li qatt ma tkun ratu b'għajnejha. Dan aktarx li huwa ħjiel meħud mill-Misilmin. Għax billi l-Misilmin jemmnu wisq bil-qadâ, jew *destin*, jaħsbu li kull ma jiġri jkun bagħtu Alla u ma jistgħu jagħmlu xejn biex ibiddlu r-rieda tiegħu.

Qabel iż-żwieġ ikun hemm ir-rabta, jiġifieri il-għotja tal-kelma. Ir-rabta għandha hemma kbira, ara kemm li huma jgħidulha "Nuss iklîl", jiġifieri, *nofs żwieġ*. Ir-rabta ssir kif sa nfisser hawnhekk.

Iġibu l-Patri d-dar u jibda *ċerimonjal* sħiħ, li jdum xi siegħa b'ħafna talb u għana. Jiktbu wkoll *kuntratt* li fih ikun hemm imniżżel li min jikser il-kelma, il-għarus jew il-għarusa, ikollu jħallas ħamsin, jew mija, jew mitejn lira lill-ieħor. Fil-*kuntratt* ikun hemm miktub kemm żmien għandu jdum ma isir it-tieġ, u ma hix ħaġa ħafifa li wieħed itawwal dak iż-żmien mingħajr ma ikun hemm xi ħtija għal dat-titwil, għax jista' jiġi magħdud li jkun kiser il-kelma.

Iż-żwieġ aktarx li isir id-dar m'hux il-knisja. Meta jasal il-ħin tal-bidu tal-għors, omm u missier il-għarus, ma' ġemgħa kbira ta' qraba, u ħbieb u nies imorru d-dar tal-għarusa biex iġibuha. Idaħħluha ġewwa karozza imżejna bil-ward u żagarelli minn kull lewn u jsuquha lejn dar il-għarus, imsieħba min-nies u minn naqra ta' banda (qisha l-banda ta' Ndrin) magħmula minn żmamar u otbla, kbar u żgħar. In-nisa jagħmlu il-wisq imsemmija